Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 233 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Antonio Frendo

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antonio Frendo detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 680448 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, fil-31 ta' Dicembru 2009 u fix-xahar ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn jiltaqghu z-zghazagh u dan bi ksur tal-Artikolu 22 (2) (b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 t' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u l-proviso tal-Artikolu 22 (2) (b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu (b' dan illi tali htija qed tinstab biss fir-rigward tal-31 ta' Dicembru, 2009 u mhux dwar ix-xahar ta' qabel din id-data) u tikkundannah ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mill-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' erba' mija u disa' Euro u sitta u tmenin centezmu (€409.86), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum. Fin-nuqqas, din is-somma tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.
Tordna r-rilaxx tas-somma ta' elf u ghaxar Euro (€1,010) esebita bhala parti minn Dokument DT1 favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza, wkoll formanti parti minn Dokument DT1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Antonio Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti billi jogghobha

tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn l-appellant instab hati tal-akkuza kif dedodotta kontra tieghu u minflok issibu hati tal-akkuza ta' pussess semplici alternattivament, f' kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens tikkonfermaha fejn ordnat ir-rilaxx tas-somma ta' €1,010 esebita bhala DOK DT1 u thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn imponiet piena, u dan billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-fatti speci tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

L-Ewwel Aggravju - Fil-Mertu

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa konsapevoli tal-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti;

Illi madanakollu, huwa wkoll palezi li l-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha li taghmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk iI-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienetx wahda "safe and satisfactory' fid-dawl tar-rizultanzi;

Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Giovanni sive John Micallef' deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali hekk kif diversament preseduta nhar it-18 ta' Marzu, 2010, fejn il-Qorti tghid illi:

> "Din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwe! Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali: "il-Pulizija vs. Raymond Psaila et" [12.5.94; "ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi" [14.2.1989]; "il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991]; "il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn";

Illi f' dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant jemmen li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghall-akkuzi addebitati lilu b' mod li ragonevolment jista' jitqies bhaia 'a safe and satisfactory conclusion';

Illi hawnhekk ghandna kaz ta' provi prezentati mill-prosekuzzjoni u mid-difiza li jistghu iwasslu ghal konkluzjonijiet differenti dwar jekk hawnhekk ghandniex kaz ta' pussess semplici tad-droga kannabis kif prospettat mid-difiza jew inkella huwiex, kaz ta' pussess aggravat kif prospettat mill-prosekuzzjoni;

Illi l-appellanti mhux ser jindirizza l-kwistjoni tal-pussess. Il-pussess gie ammess minnu kemm fl-istatement rilaxxat a tempo vergine waqt l-arrest, kif ukoll konfermat minnu meta huwa ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk wiehed irid jara jekk verament jisussitux dawk l-elementi jew cirkostanzi li jistghu jwasslu sal-konviciment morali tal-Gudikant illi fil-fatt il-pussess ta' droga kien wiehed li kien igorr mieghu l-intenzjoni illi jispacca l-istess droga u mhux li jillimita l-uzu taghha ghalih personalment;

Illi l-argument principali li ressaq l-ufficcjali prosekutur waqt it-trattazzjoni finali ta' dan il-kaz kien illi, l-appellanti heba d-droga fil-kompartament fejn il-karozza tircievi l-fuel b' intenzjoni li jispacca l-istess u prova ta' dan kienu l-flus kontanti

(madwar elf ewro) li l-appellanti kellu fil-but f' dak il-mument u l-post fejn kienet mohbija d-droga;

Illi l-Ewwel Qorti, kif kellha kull dritt taghmel, fis-sentenza taghha taghti numru ta' ragunijiet illi skond hi kienu jindikaw illi l-appellanti ma kellux biss l-intenzjoni li jaghmel uzu mid-droga misjuba izda li sahansitra jispaccja;

Illi dan l-appell ser jindirizza ir-ragunijiet principali li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tippronunzja ruhha billi sabet htija fl-appellant;

Illi l-ewwel argument li qed jigi indirizzat huwa l-piz jew kwantita' ta' droga misjuba;

Illi l-espert appuntat mill-Ewwel Qorti fir-rapport peritali tieghu jghid illi *'fit-tliet blokki ta' sustanza ta' lewn kannella, f' ammont nett totali ta' 13.36 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannobinol (THC), sustanza li tinstab fil-pjanta tal-cannabis.* ***Il-purita' medja ta' dawn il-blokki ghas-sustanza THC kienet ta' circa 4.7 %.':***

Illi r-rapport tal-espert ma giex kontestat u mhux qed jigi kontestat. Dan ifisser illi bhala stat ta' fatt, l-Ewwel Qorti kellha quddiema kaz fejn il-quantum ta' droga kien ta' 13.36 grammi kannabis ta' purita ta' 4.7 %;

Illi l-Ewwel Qorti tghid illi *"l-piz ta' 13.36 grammi, m' hijiex kwantita' negligibbli jew insinjifikanti u lanqas ma hija kwantita' li wiehed normalment jassocjaha ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur";*

Illi l-Ewwel Qorti tkompli tghid illi huwa *"Veru wkoll illi l-istess espert xehed illi f' dan il-kaz, il-purita' tas-sustanza ghal cannabis kienet wahda baxxa, izda huwa minnu wkoll illi l-istess espert xehed illi izjed ma jghaddi zmien minn fuq is-sustanza, din tiddegrada ughalhekk tonqos fil-purita' taghha";*

Illi hawnhekk johrog bic-car illi l-Ewwel Qorti qeghdha tassumi illi d-droga mertu tal-appell iddegradat u naqset mill-purita' taghha minhabba t-trapass taz-zmien bejn is-sejba tal-istess droga u meta l-espert espleta l-inkarigu tieghu;

Illi bir-rispett dovut, ir-rwol tal-Qorti m' huwiex li tassumi x' setgha gara. Ir-rwol tal-Qorti huwa li tqis dawk il-provi li jirrizultawlha mill-atti u tippronunzja ruhha fuq l-istess provi;

Illi dan qed jinghad ghax dato ma non concesso illi d-droga verament iddegradat bit-trapass taz-zmien, l-espert fl-ebda hin ma ta indikazzjoni kemm hija r-rata ta' degradazzjoni u allura kemm fl-opinjoni tieghu kienet il-purita tad-droga fiz-zmien li gie kommess l-allegat reat;

Illi fuq kollox, jekk l-ezami tad-droga sar biss tlett snin wara li sehh dan il-kaz certament m' huwiex b' xi htija tal-appellant izda se mai htija tal-prosekuzzjoni illi m' accertatx ruhha illi il-purita tad-droga tigi stabbilita malajr kemm jista' jkun;

Illi tajjeb wiehed jinnota illi fil-waqt li l-Ewwel Qorti hasset illi ghandha tikkummenta fuq id-delungar ta' dawn il-proceduri minhabba diversi talbiet ghal differment mid-difiza, madanakollu mhux talli ma kkummentatx fuq il-fatt li d-droga skond kif qed tghid il-Qorti stess setghet iddegradat minhabba delungar min-naha tal-prosekuzzjoni, izda sahansitra uzat dan il-fatt biex tkompli tghabbi lill-appellant b' affarijiet li certament ma kellhomx jigu mghobbija fuqu;

Illi huwa ghalhekk illi l-appellant ma jikkondividx dak li qed tghid l-Ewwel Qorti illi d-droga misjuba jew ahjar il-piz ta' droga misjuba tindika li ma kienitx ghall-uzu personali. M' huwiex minnu illi 12 - il gramma cannabis b' purita' ta' 4.4 % tista' qatt tohrog minnhom fuq sittin joint;

Illi l-Gudikant ma jistax iqis il-kwantita' tad-droga ghall-finijiet ta' prova tal-aggrawju fil-pussess minghajr ma jqis il-purita' tal-istess. U hawnhekk bir-rispett dovut, il-Gudikant zbaljat bil-kbir;

Illi t-tieni argument li ser jigi indirizzat f' dan l-appell huwa dwar l-attendibilita' tal-verzjoni li jaghti l-appellant biex jispjega l-pussess tas-sustanza kannabis f' kompartiment mohbi tat-taxi tieghu;

Illi l-Ewwel Qorti tibbaza parti sostanzjali mill-kunsiderazzjonijiet taghha fuq dawk li l-Ewwel Qorti tiddeskrivi bhala inkonsistenzi bejn ix-xhieda tieghu u l-istatement rilaxxat lill-Pulizija a tempo vergine;

Illi bir-rispett koilu dovut, huwa principu stabbilit illi m' huwiex mehtieg illi stqarrija ta' imputat u dak li effetivament jixhed quddiem il-Qorti jkunu jaqblu bil-punt u l-virgola. Hija l-essenza ta' dak li jixhed li ghandha tinghata l-akbar attenzjoni mill-Ewwel Qorti;

Illi jekk wiehed jaqra l-istqarrija tal-appellant u jaqra dak li xehed isib li fl-assjem taghhom hemm uniformita' dwar il-fatti saljenti li fuqhom jibbaza l-ispjegazzjoni tieghu dwar kif giet ghandu d-droga u dwar x' kienet l-intenzjoni tieghu ghall-uzu tal-istess;

Illi ghalkemm huwa minnu li certu dettalji am kienux identici, wiehed ma jistax jghid li l-appellant kien inkonsistenti sal-grad li huwa ma jigi mitwemmen;

Illi dan apparti l-fatt illi Gudikant ghandu s-setgha li jemmen xhud kemm fl-assjem ta' dak li jghid izda anki fuq parti mix-xhieda tieghu. Il-fatt li Gudikant ihoss li certu dettalji ma jkunux veritieri ma jfissirx li ghandu jiskarta kull ma dan ikun qal billi jikklassifika stqarrija jew xhieda bhala gideb;

Illi l-Ewwel Qorti tikkumenta wkoll dwar il-verosimilita' ta' dak li qed jghid l-appellant. Ovvjament, l-appellant jifhem illi l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni ghandha dritt tiddeciedi hi jekk temminx dak li qed jghid l-appellant jew xhud;

Illi madanakollu, l-Qorti ta' Revizjoni, fil-waqt li fil-principju m' ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' apprezzament ta' fatt tal-Ewwel Qorti, madanakollu ghandha kull setgha li tara jekk sal-grad mehtieg mill-Ligi, il-konluzjoni tal-Ewwel Qorti hijiex wahda 'safe and satisfactory';

Illi bir-rispett dovut, il-fatt biss illi l-appellant kien fit-taxi tieghu ipparkjat f' post pubbliku bhal ma hija l-qalba ta' Paceville, post sorveljat b' mod kostanti mill-Pulizija, bid-droga mohbija go kompartiment ossija taht il-kappa tal-fuel tal-karozza, huwa indikazzjoni cara li, tal-inqas f' dak il-mument l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jispaccja. Biex ibiegh din is-sustanza l-appellant ried bil-fors jiftah il-kappa tal-fuel, johrog id-droga mill-foil, jithallas u jghaddiha lil terza persona. Dan kollu ried isir quddiem hafna ghajnejn li bla dubbju kienu jindunaw x' kien qed jaghmel l-appellant;

Illi l-Ewwel Qorti mhux talli ma qisietx dan il-fatt, talli tatribbwixxi htija ghal fatt li l-appellant hass il-bzonn li jahbi d-droga fil-kappa tal-fuel tal-karozza biex din ma tinstabx facilment jekk issirlu xi search;

Illi daqs li kieku dan ma kienx bizzejjed, sahansitra l-Ewwel Qorti tghid illi ma kienitx qed temmen li l-appellanti kien izomm id-droga f' dan il-kompartament biex din ma jehodiex mieghu d-dar u ma ssibiex il-mara, ghax skond l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti l-appellant ma kellux biza minn martu ghax kien jaqlibielha ma' nisa ohra. Kumment li fl-umli opinjoni tal-appellant ma kellux isib posti f' sentenza tal-Qorti;

Illi l-Ewwel Qorti tkompli tghid li l-appellant ma hassx il-bzonn li jahbi s-somma ta'

€1,010 f' dan il-kompartament, qisu li dan il-fatt ikompli jipprova l-intenzjonijiet hziena tal-appellant. L-appellant zamm din is-somma fuqu ghax dawn kienu flus li kien ser ihallas lil mechanic tieghu l-ghada ghal xi tiswijiet li huwa kien ghamel fit-taxi u ghaldaqstant ma kienx hemm htiega li dawn jinhbew minn martu;

Illi bir-rispett dovut, l-Ewwel Qorti tkompli turi zelu biex issib htija fl-appellant anki minn diversi kummenti u analizi obra ta' dak kollu li qal jew ghamel l-appellant f' dawn il-proceduri tant li fl-ahhar tikklassifikah bhala mhux kredibbli, inverosimili u kollu diskrepanzi;

Illi l-appellant ihoss illi fit-tfittxija ghad-dettalji u ghal spjegazzjonijiet li jistghu jindikaw l-ispacc, l-Ewwel Qorti halliet lilha innfisha tingarr b' tali mod illi l-fatti semplici sfuggewlha b' tali mod illi l-ispjegazzjoni semplici li ta' l-appellant warrbitha ghal kollox bhala invenzjoni mill-bidu sal-ahhar;

Illi imbaghad, forsi wkoll b' mod kontradittorju, l-Ewwel Qorti tghid li dwar il-flus li kellu fuqu l-appellant ma setghet sal-grad mehtieg mill-Ligi tikkonkludi li kienu provenjenti mill-bejgh tad-droga. Effettivament hawnhekk l-Ewwel Qorti eliminate it-tezi li ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-kaz taghha li dan peress illi l-Prosekuzzjoni ghamlet accenn partiklari fuq il-quatum tal-flus li nstabu fuq l-appellant mal-bejgh jew bejgh potenzjali tad-droga li kellu fil-pussess tieghu;

Illi l-fatti huma li hawnhekk ghandna kaz ta' pussess semplici ta' madwar tnax – il gramma cannabis b' purita' ta' 4%, liema droga giet ottjenuta b' mod forsi suspettuz u liema droga inhbiet f' kompartament li huwa kollox hlief facilment accessibbli, u a skorta ta' dawn il-fatti l-Ewwel Qorti kienet moralment konvinta illi l-appellant kellu l-intenzjoni tal-ispacc;

Illi huwa ghalhekk illi l-appellant ihoss li l-Ewwel Qorti ghamlet ezercizzju li flok wassal ghal verita, wassal ghal tghawwig kbir tal-fatti li minhabba l-istess spicca instab hati ta' reat li huwa ma kkommettiex.

**It-Tieni Aggravju - Piena**

Illi bla pregudizzju ghall-aggravju fil-mertu, l-appellanti jhoss illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-waqt li certament fil-parametri tal-Ligi, hija harxa wisq;

Illi l-appellant huwa persuna avvanzata fl-eta', li kif jirrizulta mis-social enquiry report ghandu hajja stabbli;

Illi piena karcerarja effettiva certament m' hu se thalli l-ebda effett riformattiv fuq l-appellant u ser issarraf biss fi tragedja ghal din il-familja;

Illi ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li ser jirrizuitaw waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-appellanti jissottometti illi f' kaz ta' sejbien ta' htija huwa kien jisthoqqlu piena aktar mita u idonea.

Ikkunsidrat,
Illi l-appellanti gie misjub hati tal-unika akkuza imputata lilu dwar il-pussess aggravat tar-raza tal-cannabis billi jishaq illi din id-droga kienet ghall-uzu personali tieghu u ma kenitx, kif deciz mill-Ewwel Qorti, intiza ghall-ispacc.

Ikkunsidrat,

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. L-appellanti instab fil-pussess ta' tlett pakketti raza tal-cannabis fl-ammont totali ta' 13.36 grammi.
2. Din id-droga instabet mohbija wara it-tapp tat-tank tal-fuel tal-vettura tieghu taxi bin-numru ta' registrazzjoni JTY113.
3. Kien il-jum lejliet l-Ewwel tas-Sena, meta l-appellanti kien xoghol bit-taxi tieghu gewwa Paceville, post iffrekwentat miz-zaghzagh.
4. Fuq il-persuna ta'l-appellanti jinstab ukoll l-ammont ta' €1010 fi flus kontanti.
5. L-appellanti kien persuna li ipejjep il-cannabis biss f'okkazjonijiet kazwali u mhuwiex dipendenti mid-droga.
6. L-appellanti jikkontendi illi id-droga kienet giet moghtija lilu bhala hlas minn zewg klijenti taljani, apparti li hallashom ukoll 20 ewro ohra u li l-flus li kellu fuq il-persuna tieghu kienu hlas ghall-mekkanik tieghu u ghal kirja tat-taxi.

Illi l-appellanti qieghed jiffaccja akkuza wahda dwar il-pussess aggravat tad-droga u cioe' akkuzat illi kellu fil-pussess droga li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kien hemm indikazzjoni li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Mela allura dak li jenhtieglu jipprova l-appellanti f'dan il-kaz mill-provi minnu imressqa u dan fuq bazi tal-probabbli huwa illi d-droga li instabet ghandu kien ha jikkonsmaha kollha hu.

Illi fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia gie imghallem superjorment:

**"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-**

**pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha[2]"**

Illi mill-provi ikkumpilati fl-atti jirrizulta illi l-appellanti ma huwiex bniedem li jabbuza mid-droga, izda li jaghmel uzu minnha b'mod sporadiku hafna. Kif tajjeb tosserva l-Ewwel Qorti, minn dak mistqarr mill-appellanti, jidher illi dan ipejjep il-haxixa okkazzjonalment u hafna drabi huwa lanqas ipejjep *joint* shih izda jiehu xi nifs 'l hemm jew 'l hawn. Issa fil-pussess ta'l-appellanti instabu mhux anqas minn 13.36 gramma raza tal-cannabis. Minn dan l-ammont kif jirrizulta mill-fehma tal-espert nominat mil-Qorti, ghandhom johorgu mhux anqas minn 66 *joint* (200mg kull *joint*). Illi allura il-mistoqsija tohrog wahedha – bniedem li ma ipejjipx haxixa regolarment, ghandu bzonn li ikollu fil-pussess tieghu 66 *joint*? Illi ukoll din id-droga kienet maqsuma f'tlett pakketti ta' piz kwazi identiku, imkebba fil-foil, indikazzjonijiet illi din kienet diga giet ippreparata biex tinbiegh. Mhux biss izda l-appellanti kien qed izommhom mohbija wara it-tapp tat-tank tal-fuel fil-vettura tieghu sabiex dawn ma ikunux jistghu jigu misjuba facilment jekk jigi imwaqqaf mill-pulizija. Illi meta id-droga instabet fuq l-appellanti kienet lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-appellanti kien qieghed bit-taxi tieghu gewwa Paceville fuq xoghol u mhux fil-hin tar-rekreazzjoni tieghu meta skont hu kien f'dik l-okkazzjoni rari ipejjep il-haxixa. Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn. Ghaliex dawn ic-cirkostanzi wahedhom huma bizzejjed biex jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' illi l-pussess tad-droga ghand l-appellanti ma kienx intiz biex jigi ikkunsmat minnu biss.

[2] 02/09/1999

Maghdud ma' dawn il-provi indizzjarji, imbaghad, l-Ewwel Qorti gustament qieset illi l-ispjegazzjonijiet li jipprova jaghti l-appellanti sabiex jintenta ixejjen dawn il-provi skjaccanti huma fjakki wisq u ghalhekk huwa ifalli fit-tentattiv tieghu biex jilhaq il-grad tal-prova mehtiega minnu. Illi l-mod kif jiddeskrivi li id-droga spiccat f'idu ma hija xejn kredibbli. Huwa inversomili illi klijenti li huwa ma kien iltaqa' maghhom qatt qabel jissuggraw ighaddulu xi haga illegali bhala hlas minghajr biza li dan jista' jirrappurthom lill-pulizija sakemm ma kenux konxju tal-fatt illi l-appellanti kien midhla tad-dinja tad-droga. Mhux biss izda huwa jerga' ihallashom il-flus ghaliha, u dan meta ighid illi l-uzu tieghu tad-droga kienet wahda sporadika u okkazzjonali. Riskju kbir li accetta l-appellanti ghal xi haga rekreazzjonali! Di piu' lanqas ma jitwemmen l-appellanti meta ighid illi l-flus li instabu fuqu ta' 1010 ewro f'lejliet l-Ewwel tas-Sena kienu intizi biex proprju f'dik il-lejla ihallas lill-mekkanik tieghu u ghal kirja tat-taxi. Illi allura ezaminati dawn l-atti probatorji u l-konsiderazzjonijiet dettaljati u ghaqlija maghmula mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tistqarr li ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mill-konkluzjonijiet raggunti fid-decizjoni impunjata.

Illi jifdal ghalhekk biex jigi ezaminat l-ahhar aggravju marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-Qorti fliet bir-reqqa il-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex teroga il-piena ta' disa' xhur prigunerija, flimkien ma' multa ta'€950 u tara illi l-piena erogata hija vicin hafna lejn il-minimu u ma tistax tifhem kif l-appellanti jista' iqies tali piena bhala wahda eccessiva! Illi huwa inutli illi l-appellanti jitlob illi il-Qorti tikkosnidra xi piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija u intiza ghar-riforma tal-hati billi l-ligi timponi fil-kaz ta' sejbien ta' htija ghar-reati marbuta mal-pussess aggravat u traffikar ta' droga piena tassattiva ta' prigunerija effettiva. Illi l-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena hadet in kosniderazzjoni ic-cirkostanzi kollha mitiganti li ghandhom isibu applikazzjoni f'dan il-kaz u allura din il-Qorti ma ghandha xejn iktar x'izzid ma' dawk il-konsiderazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata. It-termini indikati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur